**Laqgha Numru 16/K6/2011**

**Introduzzjoni**

Is-Sittax il-Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2011 li saret nhar il-Hamis 30 ta' Gunju 2011.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30 pm.

Is-Sindku Joe Zammit **(Ara Dok A)**, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli **(Ara Dok B)** u l-Kunsilliera Lauro Fava **(Ara Dok C)** u Joe Brincat **(Ara Dok D)** kienu skuzata.

Minhabba li ma kienx hemm quorum il-laqgha ma setghetx issir.

Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ghamel kuntatt mas-Sindku Joe Zammit u infurmah li skond kif jitlob l-Att, il-laqgha issa ma tistax issir qabel jumejn ohra tax-xoghol. Il-kelliem ikkomunika ukoll mal-Kunsillier Evelyn Vella Brincat biex jinfurma li l-laqgha ma kientx ser issir.

| Joe Zammit | Kevin Borg |
|---|---|
| ***Sindku*** | ***Segretarju Ezekuttiv*** |

**Laqgha Numru 16/K6/2011**

**Introduzzjoni**

Is-Sittax il-Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2011 li saret nhar it-Tlieta 5 ta' Lulju 2011.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet infurmatu permezz ta' SMS li kienet skuzata. **(Ara Dok Z4)**

Il-Kunsillier Lauro Fava kien assenti.

Is-Sindku Joe Zammit qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie ppubblikat fit-22 ta' Gunju 2011. L-Agenda kienet:

**01. Approvazzjoni tal-Minuti 14/K6/2011.**

**02. Punti li johorgu mill-Minuti 14/K6/2011.**

**03. Approvazzjoni tal-Minuti 15/K6/2011.**

**04. Punti li johorgu mill-Minuti 15/K6/2011.**

**05. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.**

**06. Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**

**07. Mistoqsijiet.**

**08. Korrispondenza.**

**09. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.**

**10. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.**

**11. Diskussjoni dwar l-ispeċifikazzjonijiet għall-ħruġ t'offerti li jagħlqu nhar l-aħħar ta' Novembru 2011.**

**12. Approvazzjoni tal-kontijiet.**

**13. Materji ohra.**

## 01. Approvazzjoni tal-Minuti 14/K6/2011.

1.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti riferenza 14/K6/2011 kif ipprezentati.

1.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

1.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02. Punti li johorgu mill-Minuti 14/K6/2011.

**46/3067/11/I** 17/05/2011 Email minghand l-Adventure Camping Shop fejn irringrazzjaw lill-Kunsill tal-

koperazzjoni li sab sabiex saret il-fiera tal-kampijiet u talab sabiex il-Kunsill jinfurmah meta ghandu l-hsieb li jaghmel l-attivita' ghaz-zghazagh.

2.01. B’riferenza ghall-**Minuti 14/K6/2011** item 6.13 u ghall-korrispondenza numru **46/3067/11/I** fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien ippropona li l-Kunsill ghandu jsib data halli tigi organizzata din l-attivita’, is-Sindku Joe Zammit qal li d-data ghad trid tigi stabbilita’.

**46/3362/11/I** 27/05/2011 Proposed plan tal-post ta' rikreazzjoni li ser jaghmlu l-Korporazzjoni Enemalta.

2.02. B’riferenza ghall-**Minuti 14/K6/2011** item 6.72 u ghall-korrispondenza numru **46/3362/11/I** fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien issekonda lis-Sindku Joe Zammit u zied li ghandha ssir laqgha mar-residenti ta’ Triq Medjez biex jigu nfurmata b’dan u titqassam leaflet lir-residenti ta’ Pembroke biex jigu murija din l-inizjattiva bejn il-Korporazzjoni Enemalta u l-Kunsill, is-Sindku Joe Zammit qal li din il-laqgha ghandha ssir wara li jigu konkluza l-pjanti kollha.

2.03. B’riferenza ghall-**Minuti 14/K6/2011** item 10.12 fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien ippropona biex jekk jippermettu l-finanzi tal-Kunsill, fi Triq Sir Luigi Preziosi, ghandhom jitnehhew is-sigar u l-hamrija u jersaq il-hajt sabiex jikber il-parkegg minhabba li m’hemmx bizzejjed spazju fejn jirriversjaw il-vetturi, is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li dan ix-xoghol isir skond il-budget u l-finanzi li jkollu disponibbli l-Kunsill aktar il-quddiem.

2.04. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg fakkar lill-Kunsill li qabel jinbeda x-xoghol hemm bzonn il-permess tal-MEPA biex l-ewwel u qabel kollox ikunu jisghu jinqalghu s-sigar li hemm.

## 03. Approvazzjoni tal-Minuti 15/K6/2011.

3.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti riferenza 15/K6/2011 kif ipprezentati.

3.02. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

3.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 04. Punti li johorgu mill-Minuti 15/K6/2011.

4.01. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li ma kien hemm xejn pendenti.

## 05. Tqeghied ta’ dokumenti u rapporti.

5.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill **Internal Memo 048/2011** b’rapport tal-Kwotazzjonijiet 18 sa 25_2011 **(Ara Dok E); Internal Memo 049/2010** b’rapport tal-Bord ta' l-Għazla ghall-kwotazzjonijiet 18 sa 25_2011 **(Ara Dok F); Internal Memo 050/2011** b’rapport tal-laqgha li saret ma' TM dwar il-Pembroke Hardware Store **(Ara Dok G); Internal Memo 051/2011** b’rapport tal-laqgha li saret ma' Red Cross Malta **(Ara Dok H); Internal Memo 052/2011** b’rapport tal-laqgha li saret ma' Feltom **(Ara Dok I); Internal Memo 053/2011** b’rapport tal-laqgha li saret

ma' mac-Child Care Centre Merill **(Ara Dok J); Internal Memo 054/2011** b'rapport tal-laqgha li saret mal-Korporazzjoni Enemalta **(Ara Dok K); Internal Memo 055/2011** b'rapport tal-laqgha li saret ma' l-Onorevoli Ministru Dolores Cristina **(Ara Dok L); Internal Memo 056/2011** b'rapport t'azzjonijiet mehuda bejn laqgha 14/K6/2011 u 16/K6/2011 **(Ara Dok M); Internal Memo 057/2011** b'rapport tal-laqghat li saru bejn il-laqgha 14/K6/2011 u 16/K6/2011 **(Ara Dok N) u** Flyers konnessi ma' l-attivitajiet ta' Jum Pembroke **(Ara Dok O u P)**

## 06. Komunikazzjonijiet mis-Sindku u l-Kunsilliera.

6.01. Is-Sindku Joe Zammit irrefera lill-Kunsill ghat-tqeghied tad-dokumenti ndikati taht item 3.

6.02. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li nhar l-Erbgha 23 ta' Gunju 2011 saret laqgha mal-Perit Borg Costanzi dwar il-progett ta' St Michaels School fejn kienu prezenti wkoll il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat u s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg. Il-kelliem qal li l-Kunsill insista li r-rain water culvert li hemm f'salib it-toroq ghandu jigi dirett lejn Triq Alamein sabiex jittaffa ftit mill-ilma li jinzel lejn Triq Dun Amabile Sisner. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li l-Kunsill japprova li l-culvert jigi propost li jsir fi Triq Alamein. Is-Sindku Joe Zammit irrimarka li l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien talab li jkun skuzat ghal din il-laqgha minhabba impenji li nqalghu fl-ahhar hin.

6.03. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.05. Is-Sindku Joe Zammit qal li flimkien mal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg iltaqghu ma' l-organizzatur taz-Zumba500 li ser issir b'risq Puttinu Cares nhar il-Gimgha 8 ta' Lulju. Il-kelliem qal li fuq stedina ta' Zumba500 huma attendew ukoll ghall-Press Conference li saret fejn kienu prezenti crew tal-PBS.

## 07. Mistoqsijiet.

7.01. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Joe Zammit ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 08. Korrispondenza.

8.01. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm esebiti l-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn id-9 ta' Gunju u l-5 ta' Lulju 2011 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera.

**46/3565/11/I**
06/06/2011

Ittra minghand il-kuntrattur Philip Seguna jinforma lill-Kunsill li kien qed jilmenta li fi ftit gimghat gew mahruq 4 skips u ohra insterqet u ghalhekk qed jissuggerixxi li jitnehhew l-iskips u l'iskart jibda jingabar minn wara kull bieb. Il-kelliem qal li dan gara wara li qabad kuntrattur iehor jiddeposita skart fl-iskips.

8.02. B'riferenza għall-korrispondenza numru **46/3565/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-iskip fejn inħarqet fi Triq Normandy m'għandiex terga' titpoġġa u l-iskip ta' Triq l-Imħallef William Harding għandha titneħħa bi prova u titpoġġa minflok dik l-insterqet fi Triq Sir Luigi Preziosi kantuniera ma' Triq Falaise.

8.03. Il-Viċi Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

| | |
|---|---|
| **46/3584/11/I** 06/06/2011 | Email mingħand Roccalumera b'riferenza għall-proġett ENVOY jinfurmaw lill-Kunsill li għandhom jipparteċipaw 48 barrani u 6 residenti, li l-ħlas irid isir mill-Kunsill u wara jkun hemm rimburżar mill-EU u li l-vot kollu allokat huwa ta' €130,000 li jrid jinqasam bejn il-lokalitajiet kollha – sehem Pembroke għal 5 t'ijiem skond l-applikazzjoni huwa ta' €12,859.50. |

8.05. B'riferenza għall-korrispondenza numru **46/3584/11/I** is-Sindku Joe Zammit qal li l-Kunsill bħalissa mhux f'pożizzjoni li jidħol għal dan il-proġett ukoll meta bħalissa għandu żewġ proġetti oħra għaddejjien tal-EU u dan minħabba li dan joħloq problema fil-cash flow tal-Kunsill. Għaldaqstant il-kelliem ippropona li l-Kunsill ma jieħux sehem.

8.06. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

8.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

| | |
|---|---|
| **46/3624/11/I** 08/06/2011 | Memo 52/2011 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar European Mobility Week – Car Free Day 2011 kompetizzjoni għall-Kunsilli Lokali bit-titlu – In Town Without My Car. |

8.08. B'riferenza għall-korrispondenza numru **46/3624/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li minflok ma jipparteċipa fil-kompetizzjoni, għandha tintbagħat flyer fid-djar kollha tal-lokal theġġeġ lir-residenti ta' Pembroke biex jagħmlu użu aktar mit-transport pubbliku u mixi.

8.09. Il-Viċi Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.10. Il-Kunsill qabel unanimament.

| | |
|---|---|
| **46/3671/11/O** 10/06/2011 | Email li s-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg bagħat lill-membri tal-Kunsill dwar il-possibilita' li l-Kunsill, tul is-sena skolastika li jmiss apparti t-tagħlim fil-Malti u Ingliż bażiku, joffri wkoll il-Malti fit-tieni stadju. |

8.11. B'riferenza għall-korrispondenza numru **46/3671/11/O** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill japprova li jsiru dawn il-lezzjonijiet ukoll sakemm dawn ma jsirux nhar t'Erbgħa. Il-kelliem qal li l-Kunsill huwa konxju li ż-żmien kien skada iżda xorta waħda għandu jikkomunika mad-Dipartiment bix-xewqa tal-Kunsill.

8.12. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

8.13. Il-Kunsill qabel unanimament.

| | |
|---|---|
| **46/3673/11/I** 10/06/2011 | Email mingħand Dr. Mark Buġeja jinforma lill-Kunsill li minħabba l-impenji li għandu mhux possibli għalih li jibqa' joffri s-servizzi tiegħu lill-Kunsill ta' tabib biex iżur lill-impjegati li jkunu indisposti. |

8.14. B'riferenza għall-korrispondenza numru **46/3673/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li dan is-servizz ma jerġax jintalab biex titnaqqas l-ispiża tal-Kunsill. Il-

kelliem qal li wara kollox kull impjegat irid igib certifikat mediku tat-tabib tieghu meta jkun indispost.

8.15. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

8.16. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3782/11/I** 14/06/2011 Email minghand il-PARK tinforma lill-Kunsill li f'Ottubru jixtiequ jizirghu 10 sigriet fil-lokal taht l-iskema 34U.

8.17. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3782/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li dawn is-sigar ghandhom jinzerghu fil-bicca art li hemm fi Triq Patri Indri Vella fejn miet il-palm.

8.18. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.19. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3755/11/I** 14/06/2011 Ittra minghand is-sur Joseph Caruana jilmenta li filwaqt li meta kien avvicina lill-Vici Sindku Alfred Mazzitelli dan kien infurmah li l-Kunsill ma jistax ibajjad it-tromba tat-tarag ta' Blokk 2 Triq il-President Anton Buttigieg, fil-gimghat li ghaddew il-Kunsill ghamel xoghol ta' tibjid fil-bitha ta' Juno Flats kif ukoll twahhlu xi gradi tal-hadid fi flattijiet tal-Gvern.

**46/3811/11/I** 15/06/2011 Ittra li l-Kunsill rcieva minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar allegazzjonijiet li saru li l-Kunsill qed jaghmel xoghol ta' tibjid fil-bitha ta' Juno Flats kif ukoll dwar twahhil ta' gradi fi flattijiet tal-Gvern.

8.20. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/3755/11/I u 46/3811/11/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li kienet intbaghet risposta lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn gie nfurmat li x-xoghol li sar huwa wiehed ta' manutenzjoni kif ukoll li safejn jaf huwa, ma twahhlu ebda gradi tal-hadid.

**46/3805/11/I** 15/06/2011 Id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali nforma lill-Kunsill li s-Segretarju Ezekuttiv jista' jaghmel talba biex jigi rimburzat ghall-ispejjez konnessa ma' transport basta jkun approvat mill-Kunsill u jrid jinzamm rekord tal-kilometragg li jkun sar.

8.21. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3805/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ghandu jibda jigi kkumpensat skond il-ligi dwar l-uzu tal-vettura tieghu ghall-waqt il-qadi tal-Kunsill. Il-kelliem ippropona li din ghandha tkun b'effet lura mill-1 ta' Gunju 2011 bir-rata stabbilita' ta' €0.23 ghal kull kilometru.

8.22. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.23. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3964/11/I** 21/06/2011 Email minghand Roccalumera jinfurmaw lill-Kunsill li qabel jiprovdu lill-Kunsill bi stimi t'akkomodazzjoni u transport f'Roccalumera, iridu konferma ta' l-ammont ta' persuni li ser jippartecipaw u d-dati ta' meta ser issir il-mawra.

8.24. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3964/11/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill jinforma lill-Roccalumera li ma taghmilx sens li titlob lin-nies min irid jigi minghajr ma jkunu jafu l-prezzijiet u ghaldaqstant zied li Roccalumera

ghandhom jintalbu biex jiprovdu stima / informazzjoni ta' kemm tiswa karma f'lukanda u kemm jekk ikunu 5, 10, 15, 20 etc…persuni. Il-kelliem ippropona wkoll l'appena l-Kunsill ikollu din l-informazzjoni, tinhareg flyer lir-residenti bl-informazzjoni mehtiega.

8.25. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

8.26. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3965/11/I** 21/06/2011 — Ittra minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali jinforma lill-Kunsill li gie allokat l-ammont ta' €466.00 biex jinxtraw kotba ghall-librerija.

8.27. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3965/11/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li dan gie pprezentata lis-Segretarju Ezekuttiv ghan-nom tal-Kunsill meta attenda ghal din l-attivita'. Il-kelliem ippropona li dawn il-fondi jintuzaw kollha ghal xiri ta' kotba godda skond il-bzonnijiet li tara l-librara.

8.28. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.29. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3976/11/I** 22/06/2011 — Approvazzjoni minghand TM sabiex isiru l-marki tat-traffiku fi Triq Manche' u Henin.

8.30. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3976/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jaghmel ix-xoghol kif approvat minn TM.

8.31. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.32. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4034/11/I** 23/06/2011 — Email minghand TM jitolbu lill-Kunsill jekk il-Kunsill ghandux kuntratt ta' tisqija tas-sigar/schedule

8.33. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4034/11/I** is-Sindku Joe Zammit qal li TM qed tippretendi li t-tisqija ta' sigar maturi u ta' hafna snin l'inqalghu waqt il-progett tal-Park and Ride ghandhom jissaqqew ghas-spejjez tal-Kunsill. Il-kelliem qal li dan mhux accettabli minhabba li dan jitlob spejjez zejda ghall-Kunsill li ma kellux pretenzjoni ta' dan is-servizz. Is-Sindku Joe Zammit qal li l-irgulija titlob li la darba dawn inqalghu biex jinqeda' progett, almenu sax-xhur tax-xitwa (l-ahhar ta' Ottubru), dawn ghandhom jissaqqew matul ix-xhur shan tas-sajf mit-TM. Intant il-kelliem ippropona li TM ghandhom jigu nfurmata li t-tisqija tas-sigar ghandha ssir b'konsultazzjoni mal-Kunsill u meta jinhass il-htiega u ghalhekk jistghu jaghmlu komunikat mal-kuntrattur tal-Kunsill biex issir din it-tisqija fuq bazi regolari.

8.34. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.35. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4107/11/I** 27/06/2011 — Email minghand l-AKL jipromwovu tahrig fis-servizz EGOV taht il-progett ta' l-EU – EGOV4U fejn ser isir kors ghar-residenti fuq 5 sessjonijiet ta' saghtejn il-wahda.

8.36. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4107/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jippartecipa f'din l-inizjattiva.

8.37. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

8.38. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4121/11/I** 28/06/2011 — Informazzjoni li 3 instructors taz-ZUMBA ser jaghtu performance f'Jum Pembroke.

8.39. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4121/11/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill jaccetta din l-inizjattiva.

8.40. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

8.41. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4127/11/I**
**46/4134/11/I** 28/06/2011 — Kopja ta' protest gudizzjarju kif ser jipprezenta l-Avukat.

8.42. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/4127/11/I u 46/4134/11/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li dan il-Protest gie prezentat il-Qorti u ghalhekk ippropona li ladarba l-Kunsill jircievi kopja ufficjali, dan ghandu jintbghat lill-Media u kopja lir-residenti koncernati.

8.43. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.44. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4211/11/I** 04/07/2011 — Email minghand il-Perit Kevin Fsadni jinforma lill-Kunsill li ma jistax jara li jsir Road Resurfacing fi Triq G. Henin minghajr ma jsir intervent fuq il-bankina, kif ukoll, li sabiex isir survey dettaljat l-ispiza hija ta' madwar €500.00

8.45. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4211/11/I** u ghall-progett ta' PPP, is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li ladarba skond il-parir tekniku tal-Perit tal-Kunsill bil-fors hemm il-bzonn l'isir intervent fuq il-bankina kif ukoll li qabel dan l-intervent hemm il-bzonn ta' Survey dettaljat li jigi jiswa madwar €500.00, kif ukoll li jekk ma tinbidilx il-bankina ir-resurfacing ma jistax isir sewwa u ghalhekk ma' tigix solvuta l-problema ta' l-ilma, kif ukoll minhabba li l-Kunsill m'ghandux fondi bizzejjed, il-kelliem qal li fil-laqgha li jmiss ser iressaq rezoluzzjoni specajli biex il-Kunsill jirtira minn dan ix-xoghol. Il-kelliem qal li meta jerga' johrog il-PPP il-Kunsill ghandu jerga' japplika u jinsisti li jinghata fondi biex issir il-bankina.

8.46. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg rrakkomanda lill-Kunsill, li jekk il-Kunsill irid, jista' jgemma l-flus ghas-sena li gejja u b'hekk tkun tista' ssir il-bankina. Il-kelliem fakkar ukoll lill-Kunsill li l-Kunsill kien diga aggudika li x-xoghol ghandu jsir mill-kumpanija Bonnici Brothers.

8.47. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li l-Kunsill ma jistax joqghod igemma l-flus meta hemm xoghol iehor li hemm bzonn isir fosthom dak ta' biswit il-facilitajiet tal-Luxol, liema progett ser inaqqas l-impatt negattiv fuq ir-residenti tal-madwar.

**46/4166/11/I** 30/06/2011
**46/4208/11/I** 04/07/2011 — Ilment minghand Ms. Annalise Grima dwar il-kumpanija EF li qed taghmel uzu mill-parkegg li hemm fi Pjazza Nazju Falzon bhala meeting point ghall-istudenti biex jitwasslu mill-Host Families.

8.48. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/4166/11/I u 46/4208/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jikteb ufficjalment lill-EF sabiex jinstab sit alternattiv minhabba li qed ikun hemm inkonvenjent kbir ghar-residenti tal-madwar.

8.49. Il-Kunsillier Joe Brincat ssekonda.

8.50. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4170/11/I** 30/06/2011 **46/4209/11/I** 04/07/2011 Ilment minghand is-sur Konrad Farrugia dwar l-okkupazzjoni minn Red Cross kif ukoll jilmenta li jidher li baqghu ma ttiehdu ebda passi.

8.51. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4170/11/I u 46/4209/11/I** is-Sindku Joe Zammit qal li fil-jiem li gejja ser terga' tintbaghat reminder ohra lill-MEPA dwar x'passi hadu jew ser jiehdu dwar l-izvilupp li hemm fis-sit li qed jokkupaw Red Cross Malta u tal-Beach Cleaners.

**46/4198/11/I** 04/07/2011 Kopja ta' rapport tal-Pulizija dwar vettura misruqa DBF453 u li eventwalment instabet mahruq f'Pembroke u eventwalment din tnehhiet minn xi had dmhux maghruf.

8.52. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/4198/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jinforma lill-Ms. Joyce Bugeja li la l-Kunsill u lanqas xi wiehed mill-kuntratturi tal-Kunsill ma kien nehha l-karozza li kienet inharqet biswit il-BMX.

8.53. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

8.54. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 09. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.

9.01. Is-Sindku Joe Zammit irrefera lill-Kunsill ghall-Minuti ta' l-ahhar laqgha tal-Kumitat Kongunt ta' l-LES.

## 10. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.

10.01. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li l-attivita' principali ta' Jum Pembroke saret u rringrazzja lil kull min ta' s-sehem tieghu b'mod specjali lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg li qabel u waqt l-attivita' solva l-problemi kwazi kollha li nqalghu. Il-kelliem irringrazzja wkoll lis-Sindku Joe Zammit u lill-Kunsillier Joe Brincat ghall-ghajnuna taghhom. Il-kelliem qal li hija x-xewqa tieghu li ghas-sena li gejja l-preparamenti jibdew minn aktar kmieni. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal ukoll li l-s-serata kommemorattiva tmexxiet tajjeb hafna minn Joe u Veronica Farrugia.

10.02. Is-Sindku Joe Zammit skuza ruhu talli kellu jillarga minhabba problemi medici familjari. Il-kelliem irrimarka li r-residenti li kienu prezenti lmentaw minn nuqqas t'ikel u xorb li ma sarx minhabba restrizzjonjiet li kien hemm mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali.

## 11. Diskussjoni dwar l-ispeċifikazzjonijiet għall-ħruġ t'offerti li jagħlqu nhar l-aħħar ta' Novembru 2011.

11.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill b'kopja draft tat-tenders – 2011/05 Tender for Professional Services of an Architect & Civil Engineer **(Ara Dok Q);** 2011/06 Tender for Upkeep, Maintenance, Construction & Reconstruction of Roads and Pavements **(Ara Dok R);** 2011/07 Tender for Upkeep, Maintenance, Construction & Reconstruction of Roads **(Ara Dok S);** 2011/08 Tender for Cleaning and Embellishment of Urban, Non Urban and Open Areas within Pembroke

Boundaries **(Ara Dok T);** 2011/09 Tender for Upkeep & Maintenance of Traffic Signs **(Ara Dok U);** 2011/10 Tender for Upkeep & Maintenance of Parks & Gardens **(Ara Dok V);** 2011/11 Tender for Professional Services of Contracts Manager **(Ara Dok W)** u kopja ta' tenders 2009/06 Watering of Trees **(Ara Dok X)** u 2010/01 Tender for Maintenance & Handy-man Service **(Ara Dok Y)**. Il-kelliem irrakkomanda lill-Kunsill li l-mizata tat-tenders ghandhom ikunu bi prezzijiet ragonevoli, halli jkun hemm konkorrenza tajba.

11.02. Is-Sindku Joe Zammit qal li l-prezzijiet li ser jigu proposta ser jirriflettu l-valur tax-xoghol tat-tenders.

11.03. Is-Sindku Joe Zammit ippropona biex Tender for Professional Services of an Architect & Civil Engineer 2011/05 ghandu johrog kif ipprezentat u l-mizata tkun ta' €100.00.

11.04. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

11.05. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.06. Is-Sindku Joe Zammit ippropona biex Tender for Upkeep, Maintenance, Construction & Reconstruction of Roads and Pavements 2011/06 ghandu johrog kif ipprezentat u l-mizata ghal kull dokument ghandha tkun ta' €200.00.

11.07. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

11.08. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.09. Is-Sindku Joe Zammit ippropona biex Tender for Upkeep, Maintenance, Construction & Reconstruction of Roads 2011/07 ghandu johrog kif ipprezentat u jizdied mieghu - ***a) issir uzu mit-Tarmac Saw biex tinqata' il-parti li tkun ser tigi ippacjata*** u l-mizata ghal kull dokument ghandha tkun ta' €200.00.

11.10. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

11.11. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.12. Is-Sindku Joe Zammit ippropona biex Tender for Cleaning and Embellishment of Urban, Non Urban and Open Areas within Pembroke Boundaries 2011/08 ghandu johrog kif ipprezentat u jizdied mieghu - ***a) Li meta il-Kunsill jiddeciedi li jaqta' minn hlasijiet dovuti taht dan il-Kuntratt, ikun determinat li l-qtugh isir skond percentwali mit-totali ta' metragg li suppost ikun sar ix-xoghol fuqu. Ghal dan il-ghan il-Kunsill irid jaghmel survey tat-toroq u z-zoni kollha indikati f'dan il-kuntratt; b) Il-qtugh ta' haxix tat-toroq tax-xahri isir 3 metri mit-tarf tat-triq u fil-kaz ta' Triq il Meditteran fejn hemm il-Palmi kif isir bhalissa sat-tarf tar-rimi tal-gebel; u c) Li s-sigar kollha jinzabru ta' l-anqas darbtejn fis-sena biex ikun hemm access ghall-pubbliku minn tahthom*** u l-mizata ghal kull dokument ghandha tkun ta' €200.00. Il-kelliem ippropona wkoll li mill-kuntratt ghandha titnehha kull riferenza li l-high up ikun provdut mill-Kunsill ghas-spejjez tal-Kunsill.

11.13. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

11.14. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.15. Is-Sindku Joe Zammit ippropona biex Tender for Upkeep & Maintenance of Traffic Signs 2011/09 ghandu johrog kif ipprezentat u l-mizata ghal kull dokument ghandha tkun ta' €100.00.

11.16. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

11.17. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.18. Is-Sindku Joe Zammit ippropona biex Tender for Upkeep & Maintenance of Parks & Gardens 2011/10 ghandu johrog kifipprezentat u jizdied mieghu - ***a) Il-fjuri stagjonali ghandhom isiru kull 3 xhur fil-bidu tat-term ta' 3 xhur; b) Il-fjuri stagjonali jinkludi ukoll il-flower beds tal-housing estates u c) li s-sigar kollha jinzabru ta' l-anqas darbtejn fis-sena biex ikun hemm access tal-pubbliku minn tahthom*** u l-mizata ghal kull dokument ghandha tkun ta' €100.00.

11.19. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

11.20. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.21. Is-Sindku Joe Zammit ippropona biex Tender for Professional Services of Contracts Manager 2011/11 ghandu johrog kif ipprezentat u l-mizata ghal kull dokument ghandha tkun ta' €100.00.

11.22. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

11.23. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.24. Is-Sindku Joe Zammit ippropona biex Tender Watering of Trees, jekk kemm il-darba sa nhar it-Tnejn 11 ta' Lulju 2011 il-kuntrattur prezenti joggezzjona li jigi mgedded kif kien approva l-Kunsill, ghandu johrog kif ipprezentat u jkun riferenza 2011/12 u l-mizata ghal kull dokument ghandha tkun ta' €50.00.

11.25. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

11.26. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.27. Is-Sindku Joe Zammit ippropona biex Tender for Maintenance & Handy-man Service m'ghandux jerga' jinhareg imma meta jkun hemm il-htiega jingabru kwotazzjonijiet necessarja.

11.28. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

11.29. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.30. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li d-data ta' l-gheluq tat-tenders ghandha tkun nhar it-Tlieta 6 ta' Settembru 2011 fil-12.00pm.

11.31. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

11.32. Il-Kunsill qabel unanimament.

11.33. Dwar it-Tender 05/2009 – Collection of Bulky Refuse, Tender 06/2009 – Waterig of Trees 03/2010 – Upkeep & Maintenance of Road Markings, is-Sindku Joe Zammit ippropona li ghandhom kollha jigu mgedda ghal sena ohra.

11.34. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

11.35. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 12. Approvazzjoni tal-kontijiet.

12.01. Is-Sindku Joe Zammit ressaq skeda ta' pagamenti ghad-diskussjoni. **(Ara dok. Z1, Z2 u Z3)**

12.02. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif ipprezentati ghajr tal-WasteServ fejn qal li ghandu jithallas biss il-porzjon skond l-allokazzjoni

finanzjarja li l-Kunsill ircieva minghand il-Gvern; Dwar il-kontijiet tal-kuntrattur Shawn Farrugia il-kelliem fakkar li fil-laqghat precedenti kien hemm talbiet biex isir zbir ta' sigar, jinzerghu fjuri u jinqata' l-haxix f'diversi zoni, liema xoghol intbaghtu diversi ittri dwarhom. Il-kelliem irrimarka wkoll li flimkien mal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien ivverifika jekk dan ix-xoghol kienx sar u rrizulta li kien hemm xoghol ta' zbir ta' sigar l'ilu pendenti gimghat shah, thawwil tal-fjuri kien hemm zoni fejn ma sarx u ohrajn li saru tard wisq, il-qtugh tal-haxix f'St Patricks baqa' ma sarx u n-non urban hemm postijiet fejn ma tnadfux ghas-sodisfazzjon tal-Kunsill, u ghalhekk ippropona li jitnaqsu 10% ta' l-ammont dovut inkluz ukoll li tinhareg default notice fejn il-kuntrattur jintalab jirregola ruhu u jkun efficjenti bhal ma kien qabel.

12.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

12.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 13. Materji ohra.

13.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lil-Kunsill li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet ilmentat li hemm kaptelli tal-konkos u tal-plastik miksura fi Triq Normandy n-naha tal-maisonettes. Il-kelliem informa lill-Kunsill li l-kaptelli tal-plastik kienu ssewwew mill-haddiem li ghandu assenjat mieghu l-Kunsill.

13.02. Dwar il-kaptelli tal-konkos, is-Sindku Joe Zammit ippropopa li l-Kunsill jerga' jikteb lill-Awtorita' tad-Djar minhabba li dawn qed jinkisru minhabba li qatt ma saru tajba mil-bidu nett.

13.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda u zied li ghandha terga' tingibed l-attenzjoni ta' l-Awtorita' ghax-xoghol hazin li sar fil-paving li hemm f'Sit F li qed jikkaguna hsarat fil-garaxxijiet li hemm fil-basement.

13.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.05. Is-Sindku Joe Zammit qal l'issa kien twal wisq iz-zmien li l-Kunsill ilu jistenna twegiba cara rigward it-talba tieghu ghall-Gemellagg ma' Anning fic-Cina. Il-Kelliem qal li Kunsill kien talab kjarifika ghaliex dawn is-snin ta' stennija ghall-permess biex dan il-Gemellagg isir, fejn intbaghatet kull twegiba u risposta mitluba mid-Dipartiment fuq din il-materja u ghahekk ippropona l-approvazzjoni tal-Kunsill biex jekk tinhass il-htiega issir Konferenza Stampa quddiem il-bini ta' l-Ambaxxata Ciniza fuq dan il-punt. Il-kelliem qal li kull ma jrid il-Kunsill hija twegiba konkreta fil-pozittiv jew fin-negattiv minghand id-Dipartiment. Il-kelliem ippropona wkoll li jekk ir-risposta minghand id-Dipartient tkun fin-negattiv, il-Kunsill ghandu jmur ghat-talba tal-Kunsill ta' Bergen fil-Germanja ghall-relazzjoni ufficjali ta' patt ta' hbiberija u wara possibilita ta' Gemellagg kif kien indikat fl-ittri precedent tal-Kunsill ta' Bergen il-Germanja.

13.06. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

13.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.08. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li waqt il-hinijiet tal-Berga, in-nurse ghandha tinghata l-facilita' li taghmel uzu mill-ufficcju tal-Kunsilliera biex tara l-pazjenti.

13.09. Il-Kunsillier Joe Brincat ssekonda.

13.10. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.11. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li d-default notice mahruga mill-Kunsill lill-Kuntrattur Philip Seguna ghandha tithassar u tigi nulla minhabba li din inharget wara li kienu nstabu diversi garbage bags fi Triq Alamein u fi Triq Tunis. Il-kelliem qal li mhux gust li din tibqa' invigore meta issa sar jaf minghand is-sur Joseph Caruana, li huwa mpjegat tal-kuntrattur Shawn Farrugia, fejn dan ta' l-ahhar infurmah li l-boroz li kienet saret riferenza ghalihom kienu mimlija materjal li ngabar mill-haddiema ta' Shawn Farrugia u huwa (Joseph Caruana) kien iddeposithom f'postijiet fejn kien intqal lilu u huwa kull ma kien ghamel kien li obda l-ordnijiet li kien inghata. Il-kelliem ippropona wkoll li l-kuntrattur Shawn Farrugia ghandu jigi mitlub iwiddeb lis-sur Joseph Farrugia, li qed iwaddab l-iskart tal-knis u tal-haxix fil-bins on wheels li huma ghad-dispozizzjoni tar-residenti, xi haga li l-kuntrattur Philip Seguna ilu jilmenta fuqha. Il-kelliem qal li dan il-kaz qam ukoll fil-laqgha spuntanja li kien hemm mar-residenti ta' Sit F fejn dawn ilmentaw li l-iskip qed timtela mill-haddiema ta' Shawn Farrugia u huma ma jkollhomx fejn jarmu l-iskart. Il-kelliem qal li jekk dan jerga' jsir il-Kunsill ghandu jitlob lill-kuntrattur Shawn Farrugia biex is-sur Joseph Caruana ma jibqax jahdem fil-lokal. Il-kelliem irrimarka wkoll li s-sur Joseph Caruana kien beda jaghmel uzu mill-iskip ta' Triq Giacchino Le Brun, wara li huwa kien qabdu jiddisponi minn skart fl-iskip ta' quddiem Juno Flats. Il-kelliem qal li s-sur Caruana fil-passat ukoll inqabad jarmi skart simili fi skip fi Triq il-Mediterran u nghata multa mill-Gwardjani Lokali

13.12. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

13.13. Il-Kunsill qabel unanimament

13.14. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li tibda t-tisqijja tas-sigar fil-lokal fejn il-kuntrattur ser ikun qed jigi ssorveljat mill-Vici Sindku Alfred Mazzitelli.

13.15. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

13.16. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.17. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li meta membri tal-Kunsill isifru fuq xoghol tal-Kunsill, dawn ghandhom jiehdu maghhom 5 kotba ta' Pembroke biex, jekk ikun hemm il-htiega jkunu jistghu jipprezentawhom. Il-kelliem ippropona wkoll li l-kotba mhux uzati ghandhom jigu ritornati lura kif ukoll li min ikun parti fid-delegazzjoni ghandu jinghata l-fakulta li ghas-spejjez tal-Kunsill jixtri ktieb/kotba tal-post fejn ikun qed izur.

13.18. Il-Kunsillier Joe Brincat ssekonda.

13.19. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.20. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li tinzebghah b'kulur griz il-bankina ta' Triq il-President Anton Buttigieg, Triq Bice Mizzi Vassallo u Triq Sir Luigi Preziosi.

13.21. Is-Sindku Joe Zammit ssekonda.

13.22. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.23. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li kien wasal iz-zmien li l-iskrivana Kirtsy Rizzo tinghata t-tielet increment fil-paga, increment li hija ntitolata ghalih kull sena, dejjem jekk il-Kunsill japprova.

13.24. Wara diskussjoni li kien hemm il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-iskrivana Kirsty Rizzo, wara 3 snin tahdem mal-Kunsill, b'effett mix-xahar ta' Lulju 2011

ghandha tinghata promozzjoni minn Skala 15 ghal Skala 13 bil-paga tkun l-ewwel stadju l'fuq mill-ekwivalenti tal-massimu ta' Skala 15.

13.25. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

13.26. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.27. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li kif il-Kunsill jircievi fondi mis-sistema ta' l-LES, ghandu jinxtara AC biex jigi nstallat fir-reception tal-Kunsill.

13.28. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

13.29. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.30. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill jibghat ittra lill-Korporazzjoni Enemalta dwar il-kaxxa tad-dawl li saret quddiem il-Kunsill, liema kaxxa ma taqbel xejn mad-dekor tal-madwar.

13.31. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

13.32. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.33. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li ghal darb'ohra qed jirrizulta li l-kompjuters li hemm ghad-dispozizzjoni tal-pubbliku qed ikunu bil-hsara minhabba li qed jitnehhewlhom il-programmi nstallati fuqhom apprati li hemm hsarat ukoll materjali bhal UPS miksur u screen li mhux qed jahdem. Il-kelliem qal li l-hsarat zgur li mhux qed jigru waqt il-hinijiet ta' l-ufficcju.

13.34. Fid-dawl ta' dan Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jitlob parir u stima minghand Infinite Fusion Technologies, il-kumpanija li kieent responsabbli mill-upgrade fl-IT li kien ghamel il-Kunsill, dwar jekk hemmx xi sistema biex is-software ma jkunx jista' jintmiss kif ukoll sabiex jigu rrangata l-hsarat li hemm.

13.35. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

13.36. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.37. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li jsir kommunikat ma' Infinite Fusion Technologies sabiex jirranga dak li hemm bzonn dwar l-apparat ghan-network mal-MITTS.

13.38. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

13.39. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.40. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet infurmatu li l-bierah l-4 ta' Lulju 2011 il-kuntrattur Philip Seguna ma gabarx l-iskart minn Triq Dun Amabile Sisner, liema skart wara ngabar mis-sur Karmenu Mazzitelli li huwa l-impjegat tal-kuntrattur Shawn Farrugia. Il-kelliem informa wkoll lill-Kunsill li meta kkomunika mal-kuntratur Philip Segun, dan infurmah li huwa kien rikoverat l-isptar ghall-kura u kien ser jara li dan ma jergax jigri mill-haddiem li kien qed jissostitwixxih.

13.41. Is-Sindku Joe Zammit qal li s-sur Seguna ghandu jigi nfurmat ufficcjalment li dan m'ghandhux jerga' jigri.

13.42. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li s-sur Karmenu Mazzitelli li huwa impjegat tas-sur Shawn Farrugia, minghajr hlas kien ghen biex jingarru barriers minn u lejn il-Knisja, f'Jum Pembroke.

13.43. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ghandu jikteb ittra ta' protesta lill-TM li l-kumpanija Arriva, fi tlett ijiem jirrizulta li ghada qatt ma dahlet bis-servizz fil-lokal.

13.44. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

13.45. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.46. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill jitlob lil tas-Sanita biex taghmel spezzjoni f'dar numru 26 fi Triq il-Kurunell Cocks minhabba li mill-katusi qed johrog hafna hmieg fit-triq.

13.47. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

13.48. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.49. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li tinkiteb ittra lis-sidien tal-garaxxijiet ta' Sit C u D biex jitnaddaf il-komun.

13.50. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

13.51. Il-Kunsill qabel unanimament.

13.52. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli xtaq ikun jaf x'rispons kien hemm mir-residenti ta' Sit C u D dwar il-bdil fid-dhul u hrug ghall-garaxxijiet li hemm fil-basement.

13.53. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li kien hemm 14 il-risposta fejn 6 jaqblu, 6 ma jaqblux u wiehed li ghandu zewg garaxxijiet qal li ma jaqbilx li jkun hemm tibdil izda jixtieq li kulhadd jithalla jaghmel uzu mill-liema rampa jixtieq.

13.54. Is-Sindku Joe Zammit ghalaq il-laqgha fit-8.00pm wara li ntlahaq ftehim li l-laqgha li jmiss issir nhar l-Erbgha 20 ta' Lulju 2011 fil-5.30pm.

Joe Zammit
***Sindku***

Kevin Borg
***Segretarju Ezekuttiv***